C/2026/3796

17.7.2026

Pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata ta' speċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 [1]

(C/2026/3796)

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

(Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143)

"Almansa"

Numru ta' referenza tal-UE: PDO-ES-A0044-AM07 — 27.4.2026

1. **Isem il-prodott**

Almansa

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☑ DOP

☐ IĠP

3. **Settur**

☐ Prodotti agrikoli

☑ Inbejjed

☐ Xarbiet spiritużi

4. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika**

Spanja

5. **Awtorità tal-Istat Membru li tikkomunika l-emenda standard**

Isem

Il-Ministeru tal-Agrikoltura, is-Sajd u l-Ikel. Id-Direttorat Ġenerali għall-Ikel. Is-Subdirettorat Ġenerali għall-Kontroll tal-Kwalità tal-Ikel u l-Laboratorji Agroalimentari

6. **Kwalifika bħala emenda standard**

L-awtorità kompetenti tikkunsidra din l-emenda għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott tad-DOP Almansa bħala emenda standard; ma tistax titqies bħala emenda tal-Unjoni peress li ma tikkorrispondi għall-ebda waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) 2024/1143 dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi. Speċifikament, ma: tinkludix bidla fl-isem jew fl-użu tal-isem, jew fil-kategorija tal-prodott jew tal-prodotti identifikati bl-indikazzjoni ġeografika; tirriskjax li xxejjen ir-rabta maż-żona ġeografika; tinvolvix restrizzjonijiet ulterjuri fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

[1] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

7. **Deskrizzjoni tal-emenda/i standard approvata/i**

Titolu

ŻIEDA TA' VARJETÀ ĠDIDA

Deskrizzjoni

Żdiedet varjetà bajda ġdida, Garnacha Blanca.

Din l-emenda taffettwa l-punt 6 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u l-punt 8 tad-dokument uniku.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

DOKUMENT UNIKU

Denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi tal-inbid

"Almansa"

Numru ta' referenza tal-UE: PDO-ES-A0044-AM07 — 27.4.2026

1. **Isem/Ismijiet**

Almansa

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☑ DOP

☐ IĠP

3. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika definita**

Spanja

4. **Klassifikazzjoni tal-prodott agrikolu f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143**

2204 – Inbid tal-għeneb frisk, inkluż l-inbejjed imqawwija; most tal-għeneb għajr dak tal-intestatura 2009

5. **Kategoriji ta' prodotti tad-dwieli kif elenkati fil-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013**

1. Inbid

5. Inbid spumanti ta' kwalità

6. **Deskrizzjoni tal-inbid jew tal-inbejjed**

Prodott tad-dwieli

Inbejjed bojod u rożè xotti

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

INBID ABJAD

Ebda tqaddim fl-injam: jippredominaw tonalitajiet sofor, li jista' jkollhom firxa minn isfar mill-iktar ċar għal isfar medju, inklużi kuluri sofor lewn it-tiben, bil-possibbiltà wkoll ta' sfumaturi li jagħtu fl-aħdar.

Imqaddem fl-injam għal mhux iktar minn 6 xhur: jistgħu jvarjaw minn isfar mill-iktar ċar għal isfar dehbi mill-iktar qawwi, inklużi kuluri sofor lewn it-tiben, bil-possibbiltà wkoll ta' sfumaturi li jagħtu fl-aħdar.

Imqaddem fl-injam għal iktar minn 6 xhur: jippredominaw tonalitajiet sofor, li jista' jkollhom firxa minn kuluri sofor mill-iktar ċari għal kuluri sofor dehbin, inklużi kuluri sofor lewn it-tiben. It-tonalitajiet dehbin iktar qawwijin li huma tipiċi għat-tqaddim fil-btieti huma wkoll possibbli.

INBID ROŻÈ

L-inbejjed għandhom tonalitajiet roża u jista' jkollhom kulur roża ċar, u sfumaturi ta' lewn il-lampun, il-frawli jew is-salamun.

Aroma

INBID ABJAD

Ebda tqaddim fl-injam: nadif, b'intensità tajba u b'sensazzjonijiet dominanti tal-frott.

Imqaddem fl-injam għal mhux iktar minn 6 xhur: nadif, b'intensità tajba. Is-sensazzjonijiet tal-frott jiddominaw, iżda jistgħu jikkumbinaw ma' aromi ta' xiwi u tal-injam li huma tipiċi għat-tqaddim fil-btieti.

Imqaddem fl-injam għal iktar minn 6 xhur: nadif, b'intensità tajba. Jiddominaw sensazzjonijiet kumplessi bejn tal-frott u l-injam, li huma tipiċi għat-tqaddim fil-btieti. L-aromi tal-iżvilupp tal-ossidazzjoni li huma karatteristiċi tat-tqaddim korrett fl-injam huma possibbli.

INBID ROŻÈ

Nadif b'intensità minn medja sa għolja u b'aromi predominanti tal-frott.

Togħma

INBID ABJAD

Ebda tqaddim fl-injam: aċidità tajba, b'togħmiet friski u tal-frott.

Imqaddem fl-injam għal mhux iktar minn 6 xhur: aċidità tajba, b'togħmiet friski u tal-frott. Jistgħu joħorġu togħmiet mixwijin u ħfief tal-injam li huma speċifiċi għat-tqaddim fil-btieti.

Imqaddem fl-injam għal iktar minn 6 xhur: aċidità tajba, b'togħmiet nodfa u kumplessi li jikkombinaw il-frott u l-injam. Jistgħu joħorġu togħmiet mixwijin li huma speċifiċi għat-tqaddim fil-btieti.

INBID ROŻÈ

Aċidità tajba, qawwi u bbilanċjat. B'togħma tal-frott u lixx.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	11,5
Aċidità totali minima:	4
Unità ta' aċidità totali minima:	fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	11,7
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	180

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

-

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Inbejjed bojod, rożè u ħomor semixotti, ħelwin mezzana u ħelwin

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

L-istess kif deskritt hawn fuq għall-inbejjed xotti, skont jekk humiex bojod, rożè jew ħomor skont it-tqaddim tagħhom.

Aroma

L-istess kif deskritt hawn fuq għall-inbejjed xotti, skont jekk humiex bojod, rożè jew ħomor skont it-tqaddim tagħhom.

Togħma

L-istess kif deskritt hawn fuq għall-inbejjed xotti, skont jekk humiex bojod, rożè jew ħomor skont it-tqaddim tagħhom.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	9
Aċidità totali minima:	3
Unità ta' aċidità totali minima:	fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	16,7
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

Total massimu ta' diossidu tal-kubrit: 180 mg/l jekk it-total taz-zokkor jeċċedi l-5 g/l espressi bħala fruttożju flimkien mal-glukożju.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Inbid aħmar xott

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

Ebda tqaddim fl-injam: l-inbejjed jistgħu jvarjaw minn kulur ta' intensità medja sa għolja, bi sfumaturi li jvarjaw minn aħmar għal vjola, vjola skur, lewn il-granata, iċ-ċirasa jew ir-rubin.

Imqaddem fl-injam għal mhux iktar minn 6 xhur: l-inbejjed jistgħu jvarjaw minn kulur ta' intensità medja sa għolja, bi sfumaturi li jvarjaw minn aħmar għal vjola, vjola skur, lewn il-granata, iċ-ċirasa jew ir-rubin, u jistgħu jippreżentaw sfumaturi ħomor lewn il-brikks.

Imqaddem fl-injam għal iktar minn 6 xhur: l-inbejjed jistgħu jvarjaw minn kulur ta' intensità medja sa għolja, bi sfumaturi li jvarjaw minn aħmar għal vjola, vjola skur, lewn il-granata, iċ-ċirasa jew ir-rubin, u jistgħu jippreżentaw sfumaturi ħomor lewn il-brikks jew oranġjo.

Aroma

Ebda tqaddim fl-injam: intensità medja sa għolja b'aromi nodfa u tal-frott.

Imqaddem fl-injam għal mhux iktar minn 6 xhur: intensità medja sa għolja b'aromi nodfa u tal-frott, filwaqt li jippermettu wkoll aromi ħfief mixwijin.

Imqaddem fl-injam għal iktar minn 6 xhur: intensità medja sa għolja b'aromi nodfa u kumplessi, filwaqt li jippermettu wkoll aromi ta' xiwi u tal-injam.

Togħma

Ebda tqaddim fl-injam: intensità medja sa għolja, b'bilanċ u struttura tajbin.

Imqaddem fl-injam għal mhux iktar minn 6 xhur: dawn l-inbejjed, li għandhom intensità medja sa għolja, ibbilanċjata u strutturata tajjeb, jista' jkollhom togħmiet karatteristiċi tal-injam bi ħjiliet ta' xiwi.

Imqaddem fl-injam għal iktar minn 6 xhur: dawn l-inbejjed, li għandhom intensità medja sa għolja, u li huma bbilanċjati sew u strutturati sew, jista' jkollhom togħmiet karatteristiċi tal-injam bi ħjiliet ta' xiwi u togħmiet tal-iżvilupp tal-ossidazzjoni li huma karatteristiċi tat-tqaddim korrett fil-btieti.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	12
Aċidità totali minima:	4
Unità ta' aċidità totali minima:	fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	16,7
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	150

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

—

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Inbejjed spumanti ta' kwalità (ħomor, bojod u rożè)

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

Bżieżaq fini u dejjiema, sfumaturi minn ċari sa dehbiena u brillanti għall-inbejjed bojod, u sfumaturi minn roża sa lewn it-terrakotta għall-inbejjed rożè.

Aroma

L-aromi huma nodfa u tal-frott. L-inbejjed "Reserva" għandhom aromi intensi.

Togħma

Ibbilanċjata fil-ħalq, bi struttura li hija faċli fuq il-palat.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	10
Aċidità totali minima:	3,5
Unità ta' aċidità totali minima:	fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	13,3
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	185

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

-

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

7. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

7.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew l-inbejjed u r-restrizzjonijiet rilevanti għall-produzzjoni tagħhom*

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

—

Tip ta' prattika enoloġika

Prattika enoloġika speċifika

Deskrizzjoni

Meta jiġi estratt il-most jew l-inbid u jiġi sseparat mill-karfa tal-għeneb, trid tiġi applikata l-pressjoni adatta biex jiġi żgurat li r-rendiment ma jaqbiżx l-74 litru nbid għal kull 100 kilogramma għeneb aħmar u s-70 litru nbid għal kull 100 kilogramma għeneb abjad.

Għall-produzzjoni tal-inbejjed ħomor, iż-żmien minimu ta' maċerazzjoni huwa ta' 48 siegħa.

Il-coupage tal-varjetajiet ta' għeneb abjad u għeneb aħmar ma huwiex permess.

Il-kontenituri tal-injam użati fil-proċessi tat-tqaddim iridu jkunu magħmulin mill-ballut u jkollhom kapaċità li hija konformi mal-limiti tal-volum stabbiliti mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ għall-użu ta' ċerti termini tradizzjonali. Tqaddim fil-btieti.

7.2. *Rendimenti massimi*

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Varjetajiet bojod imħarrġin f'forma ta' sġajriet

Rendiment massimu:

Rendiment massimu:	7 860
Unità ta' rendiment massimu:	kilogrammi ta' għeneb għal kull ettaru

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Varjetajiet bojod imħarrġin f'forma ta' sġajriet

Rendiment massimu:

Rendiment massimu:	55
Unità ta' rendiment massimu:	ettolitri għal kull ettaru

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Varjetajiet ħomor imħarrġin f'forma ta' sġajriet

Rendiment massimu:

Rendiment massimu:	6 430
Unità ta' rendiment massimu:	kilogrammi ta' għeneb għal kull ettaru

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Varjetajiet ħomor imħarrġin f'forma ta' sġajriet

Rendiment massimu:

Rendiment massimu:	47,58
Unità ta' rendiment massimu:	ettolitri għal kull ettaru

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Varjetajiet bojod mħarrġa ma' kannizzata

Rendiment massimu:

Rendiment massimu:	11 430
Unità ta' rendiment massimu:	kilogrammi ta' għeneb għal kull ettaru

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Varjetajiet bojod mħarrġa ma' kannizzata

Rendiment massimu:

Rendiment massimu:	80
Unità ta' rendiment massimu:	ettolitri għal kull ettaru

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Varjetajiet ħomor mħarrġa ma' kannizzata

Rendiment massimu:

Rendiment massimu:	10 000
Unità ta' rendiment massimu:	kilogrammi ta' għeneb għal kull ettaru

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Varjetajiet ħomor mħarrġa ma' kannizzata

Rendiment massimu:

Rendiment massimu:	74
Unità ta' rendiment massimu:	ettolitri għal kull ettaru

8. **Indikazzjoni tal-varjetà jew tal-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid li minnhom jiġi prodott l-inbid jew jiġu prodotti l-inbejjed**

— CABERNET FRANC

— CABERNET SAUVIGNON

— CHARDONNAY

— GARNACHA BLANCA

— GARNACHA TINTA

— GARNACHA TINTORERA

— MACABEO - VIURA

— MERLOT

— MONASTRELL

— MOSCATEL DE GRANO MENUDO

— PETIT VERDOT

— PINOT NOIR

— SAUVIGNON BLANC

— SYRAH

— TEMPRANILLO

— VERDEJO

9. **Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika definita**

Il-muniċipalitajiet li ġejjin:

— Almansa

— Alpera

— Bonete

— Corral Rubio

— Higueruela

— Hoya Gonzalo

— Pétrola

— Chinchilla: iż-żona kkonfinata mit-triq li tagħti servizz AB-402 (li tmur minn Horna sa Venta de Alhama) u fuq naħa tmiss mal-muniċipalitajiet ta' Pétrola u Corral Rubio u min-naħa l-oħra mal-muniċipalitajiet ta' Bonete, Higueruela u Hoya Gonzalo.

10. **Rabta maż-żona ġeografika**

Kategorija ta' prodotti tad-dwieli

1. Inbid

Sommarju tar-rabta

Iż-żona tal-produzzjoni tad-denominazzjoni ta' oriġini Almansa tinsab f'żona ta' tranżizzjoni klimatika. Il-vinji jinsabu f'artijiet fil-baxx ikkaratterizzati minn ħamrija permeabbli li hija rikka fil-ġebel tal-ġir u nieqsa minnutrijenti. Il-preċipitazzjoni medja hija baxxa, ta' 250 mm fis-sena. L-ammont baxx ta' xita, il-permeabbiltà talħamrija u r-rendiment baxx jippermettu l-produzzjoni ta' nbejjed b'aroma qawwija u b'kulur intensiv.

Kategorija ta' prodotti tad-dwieli

5. Inbid spumanti ta' kwalità

Sommarju tar-rabta

It-temperaturi estremi u l-ħamrija rikka bil-ġebel tal-ġir jippermettu l-kultivazzjoni tal-varjetajiet awtorizzati, li jagħtu korporatura u bilanċ lill-inbejjed. B'mod simili, in-nuqqas ta' xita u s-sigħat ta' dawl tax-xemx jipproduċu qawwa alkoħolika naturali li jippermettu l-produzzjoni ta' nbejjed bil-livelli stabbiliti ta' qawwa alkoħolika. Għallproduzzjoni tal-inbejjed spumanti, l-inbejjed imsemmijin fil-paragrafu ta' qabel jintużaw bħala l-cuvée, u għalhekk id-deskrizzjoni tar-rabta tagħhom tapplika wkoll għall-inbejjed spumanti.

11. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

TIKKETTAR

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

Sabiex jintuża l-isem ta' varjetà speċifika waħda tad-dwieli, jeħtieġ li mill-inqas 85 % tal-għeneb jiġi minn dik il-varjetà u li din tiġi rreġistrata fir-reġistri tal-inbid.

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

PROJBIZZJONI FUQ L-IMBALLAĠĠ 'IL BARRA MIŻ-ŻONA DEFINITA

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Imballaġġ fiż-żona ġeografika definita

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

Sabiex jiġi żgurat l-użu xieraq tad-DOP, l-inbejjed protetti kollha għandhom jintbagħtu fl-imballaġġ. Il-produzzjoni tal-inbejjed bid-denominazzjoni ta' oriġini ma tintemmx bil-proċess tat-trasformazzjoni tal-most fi nbid permezz tal-fermentazzjoni alkoħolika u proċessi supplimentari oħrajn, iżda pjuttost bl-imballaġġ. Dan irid jitqies bħala l-aħħar stadju fil-produzzjoni ta' dawn l-inbejjed, peress li jinvolvi prattiki enoloġiċi oħrajn li jistgħu jaffettwaw il-karatteristiċi speċjali, jiġifieri: il-filtrazzjoni, l-istabbilizzazzjoni u diversi tipi ta' miżuri korrettivi.

Referenza elettronika (URL) għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://apliagri.castillalamancha.es/sites/default/files/2025-11/PC_DOP_ALMANSA_20250709.pdf